31993R2018

28.7.1993 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 186/1

# IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 2018/93 tat-30 ta' Ġunju 1993 dwar il-preżentazzjoni ta' l-istatistika tal-qabda u ta' l-attività mibgħuta mill-Istati Membri li jistadu fil-Majjistral ta' l-Atlantiku

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi l-Konvenzjoni dwar il-kooperazzjoni multilaterali futura fis-sajd fil-Majjistral ta' l-Atlantiku approvata bir-Regolament (KEE) Nru 3179/78 [1], u li tistabbilixxi l-Organizzazzjoni tas-Sajd fil-Majjistral ta' l-Atlantiku (NAFO), teħtieġ li l-Komunità tipprovdi lill-Kunsill Xjentifiku tan-NAFO b'kull informazzjoni xjentifika u ta' statistika mitluba mill-Kunsill Xjentifiku fit-twettiq ta' xogħolu;

Billi l-istatistiki ta' qabdiet u attivitajiet fil-ħin ġew identifikati mill-Kunsill Xjentifiku tan-NAFO bħala essenzjali għat-twettiq ta' xogħolu fl-evalwar ta' l-istat ta' skorti ta' ħut fil-Majjistral ta' l-Atlantiku;

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3881/91 tas-17 ta' Diċembru 1991 dwar l-istatistika ta' qabdiet nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-Majjistral ta' l-Atlantiku [2] ma jissodisfax għal kollox il-ħtiġiet neċessarji għall-Komunità li jipprovdi lill-Kunsill Xjentifiku tan-NAFO bl-informazzjoni ta' l-istatistika kif stipulat fl-Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni tan-NAFO; billi huwa neċessarju li jitħassar dan ir-Regolament;

Billi, sabiex tiffaċilita l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, għandha tkompli l-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, b'mod partikolari permezz tal-Kumitat Permanenti għal Statistiki ta' l-Agrikoltura stabbiliti bid-Deċiżjoni 72/279/KEE [3],

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

Kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni, informazzjoni dwar il-qabdiet mill-bastimenti rreġistrati fi, jew li jtajjru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru li jkun jistad fil-Majjistral ta' l-Atlantiku, waqt li tingħata konsiderazzjoni xierqa għar-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KEE) Nru 1588/90 tal-11 ta' Ġunju 1990 dwar it-trasmissjoni ta' informazzjoni soġġetta għall-konfidenzjalità ta' l-istatistika lill-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej [4].

L-informazzjoni tal-qabda nominali għandha tinkludi l-prodotti tas-sajd kollha mniżżla l-art jew mgħoddija għat-trasbord fi kwalunkwe għamla iżda għandha teskludi kwantitajiet li, wara l-qabda, jiġu mormija l-baħar, jiġu kkunsmati abbord jew jintużaw bħala lixka abbord. Il-produzzjoni ta' l-akwakultura għandha tiġi eskluża. L-informazzjoni għandha tiġi rrekordjata bħala piż ħaj ekwivalenti għat-tniżżil l-art jew għal dak għat-trasbord, sa l-eqreb tunnellata.

*L-Artikolu 2*

1. L-informazzjoni li għandha tingħata għandha tkun ta' żewġ tipi:

(a) il-qabdiet nominali fis-sena, imfissra f'piż ta' tunnellati ekwivalenti għat-tniżżil l-art, ta' kull speċi elenkata fl-Anness 1

(1) ĠU L 378, tat-30.12.1978, p. 1.
(2) ĠU L 365, tal-31.12.1991, p. 19.
(3) ĠU L 179, tas-7.8.1972, p. 1.
(4) ĠU L 151, tal-15.6.1990, p. 1.

f'kull waħda mir-reġjuni tas-sajd ta' l-istatistika fil-Majjistral ta' l-Atlantiku elenkati fl-Anness 2 kif imfissra fl-Anness 3;

(b) il-qabdiet kif speċifikati taħt 1(a) u l-attività tas-sajd li tikkorrispondi, suddiviża skond ix-xahar kalendarju tal-qabda, irkaptu tas-sajd, daqs tal-bastiment u speċi ewlenija mfittxa.

2. L-informazzjoni li hemm riferenza għaliha f'1(a) għandha tingħata sal-31 ta' Mejju tas-sena ta' wara s-sena ta' riferenza u tista' tkun informazzjoni preliminarja. L-informazzjoni li hemm riferenza għaliha f'1(b) għandha tingħata sal-31 ta' Awissu tas-sena ta' wara s-sena ta' riferenza u għandha tkun informazzjoni definittiva.

L-informazzjoni li hemm riferenza għaliha f'1(a) u li tingħata bħala informazzjoni preliminarja għandha tkun identifikata b'mod ċar bħala tali.

Ma jkunu meħtieġa l-ebda sottomissjonijiet għall-kombinazzjonijiet ta' l-ispeċi/reġjuni tas-sajd li għalihom ma jkunux ġew irreġistrati qabdiet fil-perjodu ta' riferenza tas-sottomissjoni.

Jekk Stat Membru ma jkunx stad fil-Majjistral ta' l-Atlantiku fis-sena kalendarja ta' qabel, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan sal-31 ta' Mejju tas-sena ta' wara.

3. Id-definizzjonijiet u l-kodiċi li għandhom jintużaw meta tiddaħħal l-informazzjoni dwar l-attività tas-sajd, irkaptu tas-sajd, metodu ta' sajd u daqs tal-bastiment huma mogħtija fl-Anness IV.

4. Il-lista ta' l-ispeċi u r-reġjuni tas-sajd ta' l-istatistika u d-deskrizzjonijiet ta' dawn ir-reġjuni, kif ukoll il-miżuri, kodiċi u tifsiriet definizzjonijiet għall-attivitajiet tas-sajd, irkapti tas-sajd, daqs tal-bastimenti u metodi tas-sajd jistgħu jiġu emendati skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 6.

*L-Artikolu 3*

Minbarra fejn id-dispożizzjonijiet addottati taħt il-politika tas-sajd komuni jipprovdu mod ieħor, Stat Membru jkun jista' juża l-metodi ta' teknika ta' teħid ta' kampjuni biex jikseb minnhom informazzjoni dwar il-qabdiet għal dawk il-partijiet tal-flotta tas-sajd li għaliha, firxa sħiħa ta' informazzjoni tkun tinvolvi applikazzjoni eċċessiva ta' proċeduri amministrattivi. Id-dettalji tal-proċeduri tat-teħid ta' kampjuni, flimkien mad-dettalji tal-proporzjon ta' l-informazzjoni totali li tinkiseb minn dawn il-metodi ta' teknika, għandhom jiġu ppreżentati mill-Istati Membri fir-rapport mogħti skond l-Artikolu 7(1).

*L-Artikolu 4*

L-Istati Membri għandhom jissodisfaw l-obbligi tagħhom lejn il-Kummissjoni skond l-Artikoli 1 u 2 billi jdaħħlu l-informazzjoni fuq mezz manjetiku, li l-format tiegħu huwa mogħti fl-Anness 5.

Bl-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni, l-Istati Membri jistgħu jibagħtu l-informazzjoni f'forma differenti jew fuq mezz differenti.

*L-Artikolu 5*

Fi żmien 24 siegħa mill-wasla tar-rapporti, fejn ikun possibbli, il-Kummissjoni għandha tibgħat l-informazzjoni li tinsab fihom lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO.

*L-Artikolu 6*

1. Fejn għandha tiġi segwita l-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu, il-President għandu jirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat Permanenti fuq Statistiki ta' l-Agrikoltura, minn issa 'l quddiem issir riferenza għalih bħala "l-Kumitat" sew fuq inizjattiva tiegħu stess kif ukoll fuq talba tar-rappreżentant ta' Stat Membru.

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jibgħat lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kumitat għandu juri l-fehma tiegħu dwar l-abbozz f'limiti ta' żmien li l-President jista' jistabbilixxi skond l-urġenza tal-każ. Il-fehma tingħata mill-maġġoranza stabbilita fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat ta' l-KEE fil-każ ta' deċiżjonijiet li l-Kunsill ikun meħtieġ li jaddotta fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat jingħaddu b'mod stabbilit f'dak l-Artikolu. Il-President ma għandux jivvota.

3. (a) Il-Kummissjoni għandha taddotta l-miżuri maħsuba jekk ikunu jaqblu mal-fehma tal-Kumitat.

(b) Jekk il-miżuri maħsuba ma jkunux bi qbil mal-fehma tal-Kumitat, jew ma tingħata l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien tibgħat proposta dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu lill-Kunsill. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

Jekk wara li jiskadu t-tliet xhur mid-data li fiha jkunu ġew riferuti lill-Kunsill, il-Kunsill ikun baqa' ma ħax passi, il-miżuri proposti għandhom jiġu addottati mill-Kummissjoni.

*L-Artikolu 7*

1. Fi żmien tnax-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapport iddettaljat lill-Kummissjoni li jiddeskrivi kif l-informazzjoni dwar il-qabdiet u l-attività tas-sajd tkun ġiet miksuba waqt li jispeċifikaw il-grad ta' rappreżentattività u affidabilità ta' din l-informazzjoni. Il-Kummissjoni, b'kollaborazzjoni ma' l-Istati Membri, għandha tagħmel taqsira ta' dawn ir-rapporti.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'kull tibdil ta' l-informazzjoni taħt paragrafu 1 fi żmien tliet xhur mill-introduzzjoni tagħhom.

3. Fejn ir-rapporti metodoloġiċi taħt il-paragrafu 1 juru li Stat Membru ma jistax jissodisfa minnufih il-ħtiġiet ta' dan ir-Regolament u li t-tibdiliet fil-metodi ta' stħarriġ ta' teknika u metodoloġija ikunu meħtieġa, il-Kummissjoni tista', b'kooperazzjoni ma' l-Istat Membru, tistabbilixxi perjodu ta' transizzjoni ta' mhux aktar minn sentejn li fih ikollu jintlaħaq il-programm ta' dan ir-Regolament.

4. Rapporti metodoloġiċi, arranġamenti transizzjonali, disponibiltà ta' l-informazzjoni, eżattezza ta' l-informazzjoni u affarijiet rilevanti oħra dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu eżaminati darba f'sena fi ħdan il-Grupp Ħaddiem kompetenti tal-Kumitat ta' l-Istatistika Agrikola.

*L-Artikolu 8*

Ir-Regolament (KEE) Nru 3881/91 huwa b'dan il-mezz imħassar.

*L-Artikolu 9*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 1994.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fit-30 ta' Ġunju 1993.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. BERGSTEIN

*L-ANNESS I*

**LISTA TA' SPEĊI LI ĠEW IRRAPPORTATI FL-ISTATISTIKA TA' QABDIET KUMMERĊJALI GĦALL-MAJJISTRAL TA' L-ATLANTIKU**

L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw il-qabdiet nominali ta' dawk l-ispeċi mmarkati b'*asterisk* (*). Ir-rappurtar ta' qabdiet nominali ta' l-ispeċi li jifdal mhuwiex obbligatorju fejn ikun jirrigwarda l-identifikazzjoni ta' speċi individwali. Madanakollu, fejn l-informazzjoni dwar speċi individwali ma tkunx moghtija, l-informazzjoni għandha tiddaħħal f'kategoriji miġburin. L-Istati Membri jistgħu jibagħtu l-informazzjoni għal speċi li mhux fil-lista sakemm l-ispeċi ikunu identifikati b'mod ċar.

*Nota: "m.i.m.i." hija l-abbrevjazzjoni għal "mhux identifikata x'imkien ieħor"*

| Isem Bil-Malti | 3-Alpha Identifier | Isem Xjentifiku |
|---|---|---|
| | ĦUT TAT-TKAXKIR | |
| Bakkaljaw | COD (*) | *Gadus morhua* |
| Balottra tal-Baħar | HAD (*) | *Melanogrammus aeglefinus* |
| Balottra m.i.m.i. | RED (*) | *Sebastes* spp. |
| Nemusa | HKS (*) | *Merluccius bilinearis* |
| Marlozz | HKR (*) | *Urophycis chuss* |
| Lipp | POK (*) | *Pollachius virens* |
| Fjamma | REG (*) | *Sebastes marinus* |
| Fjamma Rasha Kbira | REB (*) | *Sebastes mentella* |
| Paġell | PLA (*) | *Hippoglossoides platessoides* |
| Lingwata tal-Għajn | WIT (*) | *Glyptocephalus cynoglossus* |
| Lingwata Safra | YEL (*) | *Limanda furruginea* |
| Lingwata Ħarxa | GHL (*) | *Reinhardtius hippoglossoides* |
| Lingwata Tikek Koħol | HAL (*) | *Hippoglossus hippoglossus* |
| Ligwata Tikek Bojod | FLW (*) | *Pseudopleuronectes americanus* |
| Lingwata tax-Xulliefa | FLS (*) | *Paraliehthys dentatus* |
| Lingwata Lixxa | FLD (*) | *Scophtalmus aquosus* |
| Lingwata m.i.m.i. | FLX | *Pleuronectiformes* |
| Petriċa | ANG (*) | *Lophius americanus* |
| *Atlantic searobins* | SRA | *Priontus* spp. |
| Lipp tal-Qamar | TOM | *Microgadus tomcod* |
| *Blue antimora* | ANT | *Antimora rostrata* |
| Stokkafixx | WHB | *Micromesistius poutassou* |
| *Cunnar* | CUN | *Tautgolabrus adspersus* |
| *Cusk (= Tusk)* | USK | *Brosme brosme* |
| Bakkaljaw | GRC | *Gadus ogac* |
| *Blue ling* | BLI | *Molva dypterygia* |
| Linarda | LIN (*) | *Molva molva* |
| Buwaħħal | LUM (*) | *Cyclopterus lumpus* |
| *Northern kingfish* | KGF | *Menticirrhus saxatilis* |
| Ħmar Jinteffaħ | PUF | *Sphoeroides maculates* |
| Murina m.i.m.i. | ELZ | *Lycodes* spp. |
| Murina Kanella | OPT | *Macrozoarces americanus* |
| Sawrella Imperjali | POC | *Boreogadus saida* |
| *Roundhouse grenadier* | RNG | *Coryphaenoides rupestris* |
| *Roughhead grenadier* | RHG | *Macrouris berglax* |
| Ċiċċirella | SAN | *Ammodytes* spp. |
| Sculpins m.i.m.i. | SCU | *Myxocephalus* spp. |
| *Scup* | SCP | *Stenotomus chrysops* |
| *Tatoug* | TAU | *Tautoga onitis* |
| *Tilefish* | TIL | *Lopholatilus chamaeleonticeps* |
| Tonna Bajda | HKW (*) | *Urophycis tenuis* |
| Klieb Il-Baħar m.i.m.i. | CAT (*) | *Anarhichas* spp. |
| Atlantic wolf-fish | CAA (*) | *Anarhichas lupus* |
| Kelb il-baħar bit-Tikek | CAS (*) | *Anarhichas minor* |
| Ħut tat-Tkaxkir m.i.m.i. | GRO | *Osteichthyes* |

| Isem Bil-Malti | 3-Alpha Identifier | Isem Xjentifiku |
|---|---|---|
| | ĦUT TAL-BAĦAR MIFTUĦ | |
| Aringa | HER (*) | *Clupea harengus* |
| Kavall | MAC (*) | *Scomber scombrus* |
| Strilja Bagħlija | BUT | *Peprilus triacanthus* |
| Makku B'Erba' Tikek | MHA (*) | *Brevoortia tyrannus* |
| Kastardella | SAU | *Scomberesox saurus* |
| Inċova | ANB | *Anchoa mitchilli* |
| Serra tas-Snien | BLU | *Pomatomus saltatrix* |
| Sawrella | CVJ | *Caranx hippos* |
| Tumbrell | FRI | *Auxis thazard* |
| Kavall | KGM | *Scomberomorus cavalla* |
| Kavall tal-Għajn | SSM (*) | *Scomberomorus maculates* |
| Pastardella | SAI | *Istiophorus platypterus* |
| Buxiħ | WHM | *Tetrapetrus albidus* |
| Buxiħ Blu | BUM | *Makaira nigicans* |
| Pixxispad | SWO | *Xiphias gladius* |
| Alonga | ALB | *Thunnas alaunga* |
| Plamtu | BON | *Sarda sarda* |
| Kubrita | LTA | *Euthynnus alletteratus* |
| Xabla Denbha Rqiq | BET | *Thunnus obesus* |
| Tonna | BFT | *Thunnus thynnus* |
| Palamit (Tonn qabbieżi) | SKJ | *Katsuwonus pelamis* |
| Tonna tal-pinna safra | YFT | *Thunnus albacares* |
| Tonn m.i.m.i. | TUN | *Scombridae* |
| Ħut tal-baħar miftuħ m.i.m.i. | PEL | *Osteuchtyes* |
| | ĦUT IEĦOR BIX-XEWKA | |
| *Alewife* | ALE | *Alosa pseudoharengus* |
| Ċervjoli m.i.m.i. | AMX | *Seriola* spp. |
| Laċċa tat-Tbajja | COA | *Conger oceanicus* |
| Sallura | ELA | *Anguilla rostrata* |
| Laċċa | SHA | *Alosa sapidissima* |
| Arġentini m.i.m.i. | ARG | *Argentina* spp. |
| *Atlantic croaker* | CKA | *Micropoganias undulates* |
| *Atlantic Needlefish* | NFA | *Strongylura marina* |
| Salamun | SAL (*) | *Salmo salar* |
| *Atlantic silverside* | SSA | *Menidia menidia* |
| *Atlantic thread herring* | THA | *Opisthonema oglinum* |
| *Baird's slickhead* | ALC | *Aleppocephalus bairdii* |
| Tannuta | BDM | *Pogonias cromis* |
| Spnotta tat-Tbajja | BSB | *Centropristis striata* |
| Bażuga | BBH | *Alosa aestivalis* |
| *Capelin* | CAP (*) | *Mallotus villosus* |
| *Char* m.i.m.i. | CHR | *Salvelinus* spp. |
| *Cobia* | CBA | *Rachycentron canadum* |
| Strilja | POM | *Trachinotus carolinus* |
| *Gizzard shad* | SHG | *Dorosoma cepedianum* |
| *Grunts* m.i.m.i. | GRX | *Pomadasyidae* |
| Laċċu tat-Tbajja | SHH | *Alosa mediocris* |
| *Lanternfish* | LAX | *Notoscopelus* spp. |
| Mulett m.i.m.i. | MUL | *Mugiladae* |
| *N. Atlantic harvestfish* | HVF | *Peprilus alepidotus (= Paru)* |
| Pixxiporku | PIG | *Orthopristis chrysoptera* |
| Għarusa | SMR | *Osmerus mordax* |
| Debba | RDM | *Sciaenops ocellatus* |
| *Red Porgy* | RPG | *Pagrus pagrus* |
| Laċċa Kaħla | RSC | *Trachurus lathami* |
| *Sand perch* | PES | *Diplectrum formosum* |
| Trilja tal-Lvant | SPH | *Archosargus probatocephalus* |
| *Spot Croaker* | SPT | *Leiostomus xanthurus* |
| *Spotted Weakfish* | SWF | *Cynoscion nebulosus* |
| *Squeteague* | STG | *Cynoscion regalis* |
| Spinotta | STB | *Morona saxatilis* |
| Sturjun m.i.m.i. | STU | *Acipenseridae* |
| Tarpun | TAR | *Tarpon* |
| Trota m.i.m.i. | TRO | *Salmo* spp. |

| Isem Bil-Malti | 3-Alpha Identifier | Isem Xjentifiku |
|---|---|---|
| *White Perch* | PEW | *Morone Americana* |
| Alfonsinus | ALF | Beryx spp |
| Mazzola Griża | DGS (*) | *Squalus acanthias* |
| Xkatlu m.i.m.i. | DGX (*) | *Squalidae* |
| Pixxiplamtu | POR (*) | *Lamna nasus* |
| Murruna m.i.m.i. | SHX | *Squaliformes* |
| Raja m.i.m.i. | SKA (*) | Raja spp. |
| Ħut bix-xewka m.i.m.i. | FIN | *Osteichthyes* |
| | INVERTEBRATI | |
| Klamar | SQL (*) | *Loligo pealei* |
| Totlu | SQI (*) | *Illex illcebrosus* |
| Klamar m.i.m.i. | SQU (*) | *Loliginidae* |
| *Atlantic razor calm* | CLR | *Ensis directus* |
| Gamblu tal-Qoxra | CLH | *Mercenaria mercenaria* |
| *Ocean quahog* | CLQ | *Artica Islandica* |
| *Soft clam* | CLS | *Mya arenaria* |
| *Surf clam* | CLB | *Spisula solidissima* |
| *Clams* m.i.m.i. | CLX | *Prionodesmacea* |
| Pellegrini | SCB | *Argopecten irradians* |
| Farfett | SCC | *Argopecten gibbus* |
| Mrewha | ISC | *Chlamys islandica* |
| Taġen | SCA | *Plcopecten magellanicus* |
| Moxt tal-baħar m.i.m.i. | SCX | *Pectinidae* |
| Koċċla | OYA | *Crassostrea virginica* |
| Masklu | MUS | *Mytilus edilus* |
| *Whelks* m.i.m.i. | WHX | Busycon spp. |
| *Periwinkles* m.i.m.i. | PER | Littorina spp. |
| Molluski m.i.m.i. | MOL | *Mollusca* |
| Grottlu | CRK | *Cancer irroratus* |
| Farfett il-Baħar | CRB | *Callinectes sapidus* |
| Granċ tal-Marsa | CRG | *Carcinus maenas* |
| Zakak | CRJ | *Cancer borealis* |
| Kapott | CRQ | *Chinoecetes opilio* |
| Farfett il-Baħar | CRR | *Gryon quinquadens* |
| Grottlu Żgħir | KCT | *Lithodes maia* |
| Granċ m.i.m.i. | CRA | *Reptania* |
| Ljunfant tal-Baħar | LBA | *Homarus americanus* |
| Gamblu tax-Xatt | PRA (*) | *Pandalus borealis* |
| Gamblu tal-Elmu | AES | *Pandalus montagui* |
| Gamblu Imperjali m.i.m.i. | PEN (*) | Penaeus spp. |
| Gambli | PAN (*) | Pandalus |
| Krustaċeji m.i.m.i. | CRU | *Crustacea* |
| Rizza | URC | Stongylocentrotus spp. |
| Dud tal-Baħar m.i.m.i. | WOR | *Polychaeta* |
| *Horseshoe crab* | HSC | *Limulus polythemus* |
| Invertebrati tal-baħar m.i.m.i. | INV | *Invertebrata* |
| | ĦAXIX TAL-BAĦAR | |
| Ħaxix tal-Baħar Kanella | SWB | *Phaeophyceae* |
| Ħaxix tal-Baħar Aħmar | SWR | *Rhodophyceae* |
| Ħaxix tal-Baħar m.i.m.i. | SWX | *Algae* |
| | FOKI | |
| Foka | SEH | *Pagophilius groenlandicus* |
| Bumerin | SEZ | *Cystophora cristata* |

*L-ANNESS II*

## ŻONI TA' STATISTIKA GĦAS-SAJD FIL-MAJJISTRAL TA' L-ATLANTIKU LI GĦALIHOM GĦANDHA TINGĦATA INFORMAZZJONI

Sub-żona 0
- Id-Diviżjoni 0 A
- Id-Diviżjoni 0 B

Sub-żona 1
- Id-Diviżjoni 1 A
- Id-Diviżjoni 1 B
- Id-Diviżjoni 1 Ċ
- Id-Diviżjoni 1 D
- Id-Diviżjoni 1 E
- Id-Diviżjoni 1 F
- Id-Diviżjoni 1 NK (mhux magħrufa)

Sub-żona 2
- Id-Diviżjoni 2 G
- Id-Diviżjoni 2 H
- Id-Diviżjoni 2 J
- Id-Diviżjoni 2 NK (mhux magħrufa)

Sub-żona 3
- Id-Diviżjoni 3 K
- Id-Diviżjoni 3 L
- Id-Diviżjoni 3 M
- Id-Diviżjoni 3 N
- Id-Diviżjoni 3 O
- Id-Diviżjoni 3 P
  - Sud-diviżjoni 3 P n
  - Sud-diviżjoni 3 P s
- Id-Diviżjoni 3 NK (mhux magħrufa)

Sub-żona 4
- Id-Diviżjoni 4 R
- Id-Diviżjoni 4 S
- Id-Diviżjoni 4 T
- Id-Diviżjoni 4 V
  - Sud-diviżjoni 4 V n
  - Sud-diviżjoni 4 V s
- Id-Diviżjoni 4 W
- Id-Diviżjoni 4 X
- Id-Diviżjoni 4 NK (mhux magħrufa)

Sub-żona 5
- Id-Diviżjoni 5 Y
- Id-Diviżjoni 5 Z
  - Sud-diviżjoni 5 Z e
    - Sub-unità 5 Z ċ
    - Sub-unità5 Z u
  - Sud-diviżjoni 5 Z w
- Id-Diviżjoni 5 NK (mhux magħrufa)

Sub-żona 6
- Id-Diviżjoni 6 A
- Id-Diviżjoni 6 B
- Id-Diviżjoni 6 Ċ
- Id-Diviżjoni 6 D
- Id-Diviżjoni 6 E
- Id-Diviżjoni 6 F
- Id-Diviżjoni 6 G
- Id-Diviżjoni 6 H
- Id-Diviżjoni 6 NK (mhux magħrufa)

**Żoni ta' statistika tas-sajd għall-Majjistral ta' l-Atlantiku**



*L-ANNESS III*

**DESKRIZZJONI TAS-SUB-ŻONI U D-DIVIŻJONIJIET TAN-NAFO GĦALL-GĦAN TA' STATISTIKI U TA' REGOLAMENTI DWAR IS-SAJD FIL-MAJJISTRAL TA' L-ATLANTIKU**

**Sub-żona 0**

Dik il-parti taż-Żona tal-Konvenzjoni tan-NAFO li tmiss fin-nofsinhar ma' linja li testendi lejn il-lvant minn punt f'61°00′ latitudini tat-tramuntana u 65°00′ lonġitudini tal-punent sa punt sa f'61°00′ latitudini tat-tramuntana u 59°00′ lonġitudini tal-punent, minn hemm f'direzzjoni fix-xlokk matul linja ta' rombu *(rhumb-line)* sa punt fi 60°12′ latitudini tat-tramuntana u 57°13′ lonġitudini tal-punent; minn hemm tmiss mil-lvant ma' sensiela ta' linji ġeodeżiċi li jagħqdu l-punti segwenti:

| Numru tal-Punt | Latitudni | Lonġitudni |
|---|---|---|
| 1 | 60°12′0 N | 57°13′0 W |
| 2 | 61°00′0 N | 57°13′1 W |
| 3 | 62°00′5 N | 57°21′1 W |
| 4 | 62°02′3 N | 57°21′8 W |
| 5 | 62°03′5 N | 57°22′2 W |
| 6 | 62°11′5 N | 57°25′4 W |
| 7 | 62°47′2 N | 57°41′0 W |
| 8 | 63°22′8 N | 57°57′4 W |
| 9 | 63°28′6 N | 57°59′7 W |
| 10 | 63°35′0 N | 58°02′0 W |
| 11 | 63°37′2 N | 58°01′2 W |
| 12 | 63°44′1 N | 57°58′8 W |
| 13 | 63°50′1 N | 57°57′2 W |
| 14 | 63°52′6 N | 57°56′6 W |
| 15 | 63°57′4 N | 57°53′5 W |
| 16 | 64°04′3 N | 57°49′1 W |
| 17 | 64°12′2 N | 57°48′2 W |
| 18 | 65°06′0 N | 57°44′1 W |
| 19 | 65°08′9 N | 57°43′9 W |
| 20 | 65°11′6 N | 57°44′4 W |
| 21 | 65°14′5 N | 57°45′1 W |
| 22 | 65°18′1 N | 57°45′8 W |
| 23 | 65°23′3 N | 57°44′9 W |
| 24 | 65°34′8 N | 57°42′3 W |
| 25 | 65°37′7 N | 57°41′9 W |
| 26 | 65°50′9 N | 57°40′7 W |
| 27 | 65°51′7 N | 57°40′6 W |
| 28 | 65°57′6 N | 57°40′1 W |
| 29 | 66°03′5 N | 57°39′6 W |
| 30 | 66°12′9 N | 57°38′2 W |
| 31 | 66°18′8 N | 57°37′8 W |
| 32 | 66°24′6 N | 57°37′8 W |
| 33 | 66°30′3 N | 57°38′3 W |
| 34 | 66°36′1 N | 57°39′2 W |
| 35 | 66°37′9 N | 57°39′6 W |
| 36 | 66°41′8 N | 57°40′6 W |
| 37 | 66°49′5 N | 57°43′0 W |
| 38 | 67°21′6 N | 57°52′7 W |
| 39 | 67°27′3 N | 57°54′9 W |
| 40 | 67°28′3 N | 57°55′3 W |
| 41 | 67°29′1 N | 57°56′1 W |
| 42 | 67°30′7 N | 57°57′8 W |
| 43 | 67°35′3 N | 58°02′2 W |
| 44 | 67°39′7N | 58°06′2 W |
| 45 | 67°44′2 N | 58°09′9 W |
| 46 | 67°56′9 N | 58°19′8 W |
| 47 | 67°01′8 N | 58°23′3 W |
| 48 | 68°04′3 N | 58°25′0 W |
| 49 | 68°06′8 N | 58°26′7 W |
| 50 | 68°07′5 N | 58°27′2 W |
| 51 | 68°16′1 N | 58°34′1 W |
| 52 | 68°21′7 N | 58°39′0 W |

| Numru tal-Punt | Latitudni | Lonġitudni |
|---|---|---|
| 53 | 68°25′3 N | 58°42′4 W |
| 54 | 68°32′9N | 59°01′8 W |
| 55 | 68°34′0 N | 59°04′6 W |
| 56 | 68°37′9 N | 59°14′3 W |
| 57 | 68°38′0 N | 59°14′6 W |
| 58 | 68°56′8N | 60°02′4 W |
| 59 | 68°00′8 N | 60°09′0 W |
| 60 | 69°06′8 N | 60°18′5 W |
| 61 | 69°10′3 N | 60°23′8 W |
| 62 | 69°12′8 N | 60°27′5 W |
| 63 | 69°29′4 N | 60°51′6 W |
| 64 | 69°49′8 N | 60°58′2 W |
| 65 | 69°55′3 N | 60°59′6 W |
| 66 | 69°55′8 N | 61°00′0 W |
| 67 | 70°01′6 N | 61°04′2 W |
| 68 | 70°07′5 N | 61°08′1 W |
| 69 | 70°08′8 N | 61°08′8 W |
| 70 | 70°13′4 N | 61°10′6 W |
| 71 | 70°33′1 N | 61°17′4 W |
| 72 | 70°35′6 N | 61°20′6 W |
| 73 | 70°48′2 N | 61°37′9 W |
| 74 | 70°51′8 N | 61°42′7 W |
| 75 | 71°12′1 N | 62°09′1 W |
| 76 | 71°18′9 N | 62°17′5 W |
| 77 | 71°25′9 N | 62°25′5 W |
| 78 | 71°29′4 N | 62°29′3 W |
| 79 | 71°31′8 N | 62°32′0 W |
| 80 | 71°32′9N | 62°33′5 W |
| 81 | 71°44′7 N | 62°49′6 W |
| 82 | 71°47′3 N | 62°53′1 W |
| 83 | 71°52′9 N | 63°03′9 W |
| 84 | 72°01′7 N | 63°21′1 W |
| 85 | 72°06′4 N | 63°30′9 W |
| 86 | 72°11′0 N | 63°41′0 W |
| 87 | 72°24′8 N | 64°13′2 W |
| 88 | 72°30′5 N | 64°26′1 W |
| 89 | 72°36′3 N | 64°38′8 W |
| 90 | 72°43′7 N | 64°54′3 W |
| 91 | 72°45′7 N | 64°58′4 W |
| 92 | 72°47′7 N | 65°00′9 W |
| 93 | 72°50′8 N | 65°07′6 W |
| 94 | 73°18′5 N | 66°08′3 W |
| 95 | 73°25′9 N | 66°25′3 W |
| 96 | 73°31′1 N | 67°15′1 W |
| 97 | 73°36′5 N | 68°05′5 W |
| 98 | 73°37′9 N | 68°12′3 W |
| 99 | 73°41′7 N | 68°29′4 W |
| 100 | 73°46′1 N | 68°48′5 W |
| 101 | 73°46′7 N | 68°51′1 W |
| 102 | 73°52′3 N | 69°11′3 W |
| 103 | 73°57′6 N | 69°31′5 W |
| 104 | 74°02′2 N | 69°50′3 W |

| Numru tal-Punt | Latitudni | Lonġitudni |
|---|---|---|
| 105 | 74°02′6 N | 69°52′0 W |
| 106 | 74°06′1 N | 70°06′6 W |
| 107 | 74°07′5 N | 70°12′5 W |
| 108 | 74°10′0 N | 70°23′1 W |
| 109 | 74°12′5 N | 70°33′7 W |
| 110 | 74°24′0 N | 71°25′7 W |

| Numru tal-Punt | Latitudni | Lonġitudni |
|---|---|---|
| 111 | 74°28′6 N | 71°45′8 W |
| 112 | 74°44′2 N | 72°53′0 W |
| 113 | 74°50′6 N | 73°02′8 W |
| 114 | 75°00′0 N | 73°16′3 W |
| 115 | 75°00′ N | 73°30′ W |

u t-tramuntana tal-parallel ta’ 78°10′ latitudini tat-tramuntana; u li tmiss mill-punent ma’ linja li tibda f’61°00′ latitudini tat-tramuntana u 65°00′ lonġitudini tal-punent u li testendi fid-direzzjoni tal-majjistral matul linja ta’ rombu sax-xatt tal-Gżira *Baffin* fil-Promontorju tal-lvant (61°55′ latitudini tat-tramuntana u 66°20′ lonġitudini tal-punent), u minn hemm f’direzzjoni lejn it-tramuntana matul ix-xatt tal-Gżejjer *Baffin, Bylot, Devon* u *Ellesmere* u ssegwi t-80 meridjan ta’ lonġitudini tal-punent f’ibħra bejn dawn il-gżejjer sal-parallel ta’ 78°10′ latitudini tat-tramuntana.

Is-sub-żona 0 hija magħmula minn żewġ diviżjonijiet:

*id-diviżjoni 0 A:*

dik il-parti tas-sub-żona li tinsab fit-tramuntana tal-parallel ta’ 66°15′ latitudini tat-tramuntana;

*id-diviżjoni 0 B:*

din id-diviżjoni tas-sub-żona li tinsab fin-nofsinhar tal-parallel ta’ 66°15′ latitudini tat-tramuntana.

**Sub-żona 1**

Dik il-parti miż-Żona tal-Konvenzjoni tan-NAFO li tinsab fil-lvant tas-sub-żona 0 mit-tramuntana u l-lvant linja ta’ rombu li jagħqad punt minn 60°12′ latitudini tat-tramuntana u 57°13′ lonġitudini tal-punent ma’ punt fi 52°15′ latitudini tat-tramuntana fi 42°00′ lonġitudini tal-punent.

Is-sub-żona 1 hija magħmula minn sitt diviżjonijiet:

*id-diviżjoni 1 A:*

dik il-parti mis-sub-żona li tinsab fit-tramuntana tal-parallel ta’ 68°50′ latitudinitat-tramuntana (*Christianshaab*);

*id-diviżjoni 1 B:*

dik il-parti tas-sub-żona li tinsab bejn il-parallel ta’ 66°15′ latitudini tat-tramuntana (ħames mili nawtiċi mit-tramuntana ta’ *Umanarsugssuak*) u l-parallel ta’ 68°50′ latitudini tat-tramuntana (*Christianshaab*);

*id-diviżjoni 1 Ċ:*

dik il-parti tas-sub-żona li tinsab bejn il-parallel ta’ 64°15′ latitudini tat-tramuntana (erba’ mili nawtiċi fit-tramuntana ta’ *Godthaab*) u l-parallel ta’ 66°15′ latitudini tat-tramuntana (ħames mili nawtiċi mit-tramuntana ta’ *Umanarsugssuak*);

*id-diviżjoni 1 D:*

dik il-parti tas-sub-żona li tinsab bejn il-parallel ta’ 62°30′ latitudini tat-tramuntana (*Frederikshaab Glacier*) u l-parallel ta’ 64°15′ latitudini tat-tramuntana (erba’ mili nawitiċi mit-tramuntana ta’ *Godthaab*);

*id-diviżjoni 1 E:*

dik il-parti tas-sub-żona li tinsab bejn il-parallel ta’ 60°45′ latitudini tat-tramuntana (*Cape Desolation*) u l-parallel ta’ 62°30′ latitudini tat-tramuntana (*Frederikshaab Glacier*);

*id-diviżjoni 1 F:*

dik il-parti tas-sub-żona li tinsab fit-tramuntana tal-parallel ta’ 60°45′ latitudini tat-tramuntana (*Cape Desolation*).

**Sub-żona 2**

Dik il-parti taż-Żona tal-Konvenzjoni tan-NAFO li tinsab fil-lvant tal-meridjan ta’ 64°30′ lonġitudini tal-punent fl-arja ta’ *Hudson Strait*, għan-nofsinhar ta’ sub-żona 0, għan-nofsinhar u l-punent ta’ sub-żona 1 u għat-tramuntana tal-parallel ta’ 52°15′ latitudini tat-tramuntana.

Is-sub-żona 2 hija magħmula minn tliet taqsimiet:

*id-diviżjoni 2 G:*

dik il-parti tas-sub-żona li tinsab fit-tramuntana tal-parallel ta' 57°40′ latitudini tat-tramuntana (*Cape Mugford*);

*id-diviżjoni 2 H:*

dik il-parti tas-*sub-żona* li tinsab bejn il-parallel ta' 55°20′ latitudini tat-tramuntana (*Hopedale*) u l-parallel of 57°40′ latitudini tat-tramuntana (*Cape Mugford*);

*id-diviżjoni 2 J:*

dik il-parti tas-sub-żona li tinsab bejn il-parallel ta' 55°20′ latitudini tat-tramuntana (*Hopedale*).

**Sub-żona 3**

Dik il-parti ta' l-Arja tal-Konvenzjoni tan-NAFO li tinsab fin-nofsinhar tal-parallel ta' 52°15′ latitudini tat-tramuntana, u mil-lvant ta' linja li testendi lejn it-tramuntana minn *Cape Bauld* fuq ix-xatt tat-tramuntana ta' *Newfoundland* sa 52°15′ latitudini tat-tramuntana; għat-tramuntana tal-parallel ta' 39°00′ latitudini tat-tramuntana; u mil-lvant għat-tramuntana ta' linja ta' rombu li jibda fi 39°00′ latitudini tat-tramuntana, 50°00′ lonġitudini tal-punent u li testendi minn direzzjoni mill-majjistral li tgħaddi minn punt fi 43°30′ latitudini tat-tramuntana, 55°00′ lonġitudini tal-punent fid-direzzjoni f'punt fi 47°50′ latitudini tat-tramuntana, 60°00′ lonġitudini tal-punent sa meta taqsam f'linja dritta madwar *Cape Ray*, fuq ix-xatt ta' *Newfoundland*, ma' *Cape North* fil-Gżira *Cape Breton*; minn hemm f'direzzjoni lejn il-majjistral matul linja għal direzzjoni lejn il-majjistral matul il-linja msemmija sa *Cape Ray*.

Is-sub-żona 3 hija magħmula minn sitt taqsimiet:

*id-diviżjoni 3 K:*

dik il-parti tas-sub-żona li tinsab fit-tramuntana tal-parallel ta' 49°15′ latitudini tat-tramuntana (*Cape Freels*, *Newfoundland*);

*id-diviżjoni 3 L:*

dik il-parti tas-sub-żona li tinsab bejn ix-xatt ta' *Newfoundland* minn *Cape Freels* sa *Cape* Santa Marija u l-linja deskritta kif ġej: tibda minn *Cape Freels*; minn hemm lejn il-lvant sal-meridjan ta' 46°30′ lonġitudini tal-punent, minn hemm lejn in-nofsinhar sal-parallel ta' 46°00′ latitudini tat-tramuntana, minn hemm lejn il-punent sal-meridjan ta' 54°30′ lonġitudini tal-punent, minn hemm lejn linja ta' rombu sa *Cape* Santa Marija, *Newfoundland*.

*id-diviżjoni 3 M:*

dik il-parti tas-sub-żona li tinsab fin-nofsinhar tal-parallel ta' 49°15′ latitudini tat-tramuntana u l-lvant tal-meridjan ta' 46°30′ lonġitudini tal-punent;

*id-diviżjoni 3 N:*

dik il-parti tas-sub-żona li tinsab fin-nofsinhar tal-parallel ta' 46°00′ latitudini tat-tramuntana u bejn il-meridjan ta' 46°30′ lonġitudini tal-punent u l-meridjan ta' 51°00′ lonġitudini tal-punent;

*id-diviżjoni 3 O:*

dik il-parti tas-sub-żona li tinsab fin-nofsinhar tal-parallel ta' 46°00′ latitudini tat-tramuntana u bejn il-meridjan of 51°00′ lonġitudini tal-punent u l-meridjan ta' 54°30′ lonġitudini tal-punent;

*id-diviżjoni 3 P:*

dik il-parti tas-sub-żona li tinsab fin-nofsinhar tax-xatt ta' *Newfoundland* u l-punent ta' linja minn *Cape* Santa Marija, *Newfoundland* sa punt fi 46°00′ latitudini tat-tramuntana, 54°30′ lonġitudini tal-punent, minn hemm lejn in-nofsinhar sal-limitu tas-sub-żona.

Id-diviżjoni 3 P hija diviża f'żewġ sud-diviżjonijiet:

is-sud-diviżjoni 3 P n (sud-diviżjoni tal-majjistral):

dik il-parti tad-diviżjoni 3 P li tinsab fil-majjistral ta' linja li testendi minn *Newfoundland*, bejn wieħed u ieħor lejn il-lbiċ sa punt f'46°50′ latitudini tat-tramuntana u 58°50′ lonġitudini tal-punent;

is-sud-diviżjoni 3 P s (sud-diviżjoni tax-xlokk):

dik il-parti tad-taqsima 3 P li tinsab fix-xlokk tal-parti ta' taqsima 3 P li tinsab fix-xlokk tal-linja deskritta għas-sud-diviżjoni 3 P n.

**Sub-żona 4**

Dik il-parti taż-Żona tal-Konvenzjoni tan-NAFO li tinsab fit-tramuntana tal-parallel ta' 39°00′ latitudini tat-tramuntana, lejn il-punent tas-sub-żona 3, u lejn il-lvant deskritta kif segwit: li tibda fit-*terminus* internazzjonali bejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika u

l-Kanada fil-*Grand Manan Channel*, f'punt fi 44°46′35,346″ latitudini tat-tramuntana; 66°54′11,253″ lonġitudini tal-punent; minn hemm lejn in-nofsinhar lejn il-parallel ta' 43°50′ latitudini tat-tramuntana; minn hemm lejn il-punent sal-meridjan ta' 67°24′27,24″ lonġitudini tal-punent; minn hemm matul il-linja ġeografika bejn żewġ punti fid-direzzjoni lejn il-lbiċ sa punt fi 42°53′14″ latitudini tat-tramuntana u 67°44′35″ lonġitudini tal-punent; minn hemm matul il-linja ġeografika lejn id-direzzjoni tal-lbiċ sa 42°31′08″ latitudini tat-tramuntana u 67°28′05″ lonġitudini tal-punent; minn hemm matul linja ġeografika lejn punt fi 42°20′ latitudini tat-tramuntana u 67°18′13,15″ lonġitudini tal-punent; minn hemm lejn il-lvant sa punt fi 66°00′ lonġitudini tal-punent; minn hemm matul linja ta' rombu f'direzzjoni lejn ix-xlokk sa punt fi 42°00′ latitudini tat-tramuntana u 65°40′ lonġitudini tal-punent; u minn hemm lejn il-parallel ta' 39°00′ latitudini tat-tramuntana.

Is-sub-żona 4 hija maqsuma f'sitt taqsimiet:

*id-diviżjoni 4 R:*

dik il-biċċa miż-Żona tal-Konvenzjoni tan-NAFO li tinsab bejn ix-xatt ta' *Newfoundland* minn *Cape Bauld* sa *Cape Ray* u linja deskritta kif ġej: li tibda minn *Cape Bauld*, minn hemm għat-tramuntana sal-parallel ta' 52°15′ latitudni tat-tramuntana, minn hemm lejn il-punent għax-xatt ta' *Labrador*, minn hemm matul ix-xatt ta' *Labrador* għat-tmiem tal-periferija ta' *Labrador-Quebec*, minn hemm matul linja ta' rombu f'direzzjoni tal-lbiċ sa punt f'49°25′ latitudni tat-tramuntana, 60°00′ lonġitudini tal-punent, minn hemm lejn in-nofsinhar sa punt f'47°50′ latitudni tat-tramuntana, 60°00′ lonġitudini tal-punent, minn hemm matul linja ta' rombu f'direzzjoni lejn ix-xlokk sal-punt li fiha l-periferija tas-sub-żona 3 taqsam il-linja dritta li tgħaqqad *Cape North, Nova Scotia* ma' *Cape Ray, Newfoundland*, minn hemm għal *Cape Ray, Newfoundland*;

*id-diviżjoni 4 S:*

dik il-parti tas-sub-żona li tinsab bejn ix-xatt tan-nofsinhar ta' *Quebec* mit-*terminus*tal-periferija ta' *Labrador-Quebec* għal *Pte. des Monts* u linja deskritta kif ġej: tibda minn *Pte. des Monts*, minn hemm lejn il-lvant sa punt f'49°25′ latitudni tat-tramuntana, 64°40′ lonġitudini tal-punent, minn hemm matul il-linja ta' rombu lejn direzzjoni lvant-xlokk sa punt f'47°50′ latitudni tat-tramuntana, 60°00′ lonġitudini tal-punent, minn hemm matul il-linja ta' rombu f'direzzjoni lejn il-grigal sal-venda tal-periferija bejn *Labrador-Quebec*;

*id-diviżjoni 4 T:*

dik il-parti tas-sub-żona li tinsab bejn ix-xtut ta' *Nova Scotia*, *New Brunswick* u *Quebec* minn *Cape North* sa *Pte. des Monts* u linja deskritta kif ġej: tibda minn *Pointe des Monts*, minn hemm lejn il-lvant sa punt f'49°25′ latitudini tat-tramuntana, 64°40′ lonġitudini tal-punent, minn hemm matul il-linja ta' rombu f'direzzjoni lvant-xlokk sa punt f'47°50′ latitudni tat-tramuntana, 60°00′ lonġitudini tal-punent, minn hemm matul il-linja ta' rombu f'direzzjoni lejn in-nofsinhar għal *Cape North, Nova Scotia*;

*id-diviżjoni 4 V:*

dik il-parti tas-sub-żona l tinsab bejn ix-xatt ta' *Nova Scotia* bejn *Cape North* u *Fourchu*, u linja deskritta kif ġej: mill-bidu ta' *Fourchu* minn hemm matul il-linja ta' rombu f'direzzjoni lejn il-lvant matul il-meridjan lejn punt f'45°40′ latitudini tat-tramuntana, 60°00′ lonġitudini tal-punent, minn hemm lejn in-nofsinhar matul il-meridjan ta' 60°00′ lonġitudini tal-punent sal-parallel ta' 44°10′ latitudini tat-tramuntana, minn hemm lejn il-lvant sal-meridjan ta' 59°00′ lonġitudini tal-punent, minn hemm lejn in-nofinhar sal-parallel ta' 39°00′ latitudini tat-tramuntana, minn hemm lejn il-lvant sa punt fejn il-periferija bejn sub-arji 3 u 4 jiltaqgħu mal-parallel ta' 39°00′ latitudini tat-tramuntana, minn hemm matul il-periferija bejn sub-żoni 3 u 4 u linja li tkompli fid-direzzjoni lejn il-majjistral sa punt fi 47°50′ latitudini tat-tramuntana, 60°00′ lonġitudini tal-punent, u minn hemm matul il-linja ta' rombu f'direzzjoni lejn in-nofsinhar sa *Cape North, Nova Scotia*.

Id-diviżjoni 4 V hija maqsuma f'żewġ sud-diviżjonijiet:

sud-diviżjoni 4 V n (sud-diviżjoni tat-tramuntana):

dik il-parti ta' diviżjoni 4 V li tinsab fit-tramuntana tal-parallel ta' 45°40′ latitudini tat-tramuntana;

sud-diviżjoni 4 V s (sud-diviżjoni lejn in-nofsinhar):

dik il-parti ta' diviżjoni 4 V li tinsab fin-nofsinhar tal-parallel ta' 45°40′ latitudini tat-tramuntana;

*id-diviżjoni* 4 W:

dik il-parti tas-sub-żona li tinsab bejn ix-xatt ta' *Nova Scotia* minn *Halifax* sa *Fourchu* u linja deskritta kif ġej: tibda minn *Fourchu*, minn hemm matul il-linja ta' rombu f'direzzjoni lejn il-lvant sa punt f'45°40′ latitudini tat-tramuntana, 60°00′ lonġitudini tal-punent, minn hemm lejn in-nofsinhar matul il-meridjan ta' 60°00′ lonġitudini tal-punent sal-parallel ta' 44°10′ latitudini tat-tramuntana, minn hemm sal-lvant sal-meridjan ta' 59°00′ lonġitudini tal-punent, minn hemm lejn in-nofsinhar sal-parallel ta' 39°00′ latitudini tat-tramuntana, minn hemm lejn il-punent sal-meridjan ta' 63°20′ lonġitudini tal-punent, minn hemm lejn it-tramuntana sa punt sal-meridjan ta' 44°20′ latitudini tat-tramuntana, minn hemm lejn il-linja ta' rombu f'direzzjoni lejn il-majjistral għal *Halifax, Nova Scotia*;

*id-diviżjoni* 4 X:

dik il-parti tas-sub-żona li tinsab bejn il-periferija tal-punent f'sub-żona 4 u x-xtut ta' *New Brunswick* u *Nova Scotia* mit-tmiem tal-periferija bejn *New Brunswick* u *Maine* sa *Halifax*, u linja deskritta kif ġej: tibda minn *Halifax*, minn hemm matul linja ta' rombu

f’direzzjoni lejn ix-xlokk sa punt f’44°20′ latitudini tat-tramuntana, 63°20′ lonġitudini tal-punent, minn hemm lejn nofsinhar sal-parallel ta’ 39°00′ latitudini tat-tramuntana; minn hemm sal-punent sal-meridjan ta’ 65°40′ lonġitudini tal-punent.

**Sub-żona 5**

Dik il-parti mill-Żona tal-Konvenzjoni ta’ l-NAFO li tinsab lejn il-punent tal-periferija ta’ *sub-żona* 4, lejn it-tramuntana sa parallel ta’ 39°00′ latitudni tat-tramuntana u lejn il-lvant tal-meridjan ta’ 71°40′ lonġitudini tal-punent.

Is-sub-żona 5 hija magħmula minn żewġ taqsimiet:

*id-diviżjoni 5 Y:*

dik il-parti tas-sub-żona li tinsab bejn ix-xtut ta’ *Maine, New Hampshire* u *Massachusetts* mill-periferija bejn *Maine* u *New Brunswick* sa 70°00′ lonġitudini tal-punent fuq *Cape Cod* (f’madwar 42° latitudini tat-tramuntana) u linja deskritta kif ġej: tibda minn punt fuq *Cape Cod* f’70° lonġitudini tal-punent (f’madwar 42° latitudini tat-tramuntana), minn hemm tramuntana sa 42°20′ latitudini tat-tramuntana, minn hemm lvant sa 67°18′13,15″ lonġitudini tal-punent fil-periferija tas-sub-żoni 4 u 5; minn hemm matul dik il-periferija sal-periferija tal-Kanada u l-Istati Uniti ta’ l-Amerika;

*id-diviżjoni 5 Z:*

dik il-parti tas-sub-żona li tinsab lejn in-nofsinhar u lvant tad-diviżjoni 5 Y.

Id-diviżjoni 5 Z hija maqsuma f’żewġ sud-diviżjonijiet:

sud-diviżjoni 5 Z e (sud-diviżjoni tal-lvant):

dik il-parti tad-diviżjoni 5 Z li tinsab fil-lvant tal-meridjan ta’ 70°00′ lonġtudini tal-punent.

Għal skopijiet ta’ statistika sud-diviżjoni 5 Z e hija maqsuma f’żewġ sub-unitajiet:

sub-unità 5 Z ċ:

dik il-parti tas-sud-diviżjoni 5 Z e li tinsab fit-tramuntana tal-linja ġeodetika li tgħaqqad il-punti fejn il-linja ta’ ġeografika li turi l-fruntiera bejn l-Istati Uniti ta’ l-Amerika u l-Kanada minn 42°31′08″ latitudni tat-tramuntana 67°28′05″ lonġitudini tal-punent sa 40°27′05″ latitudni tat-tramuntana 65°41′59″ lonġitudini tal-punent tingħaqad mal-parallel f’42°00′ latitudni tat-tramuntana għal fejn l-estensjoni tagħha tingħaqad mal-meridjan f’65°40′ lonġitudini tal-punent;

sub-unità 5 Z u:

dik il-parti ta’ diviżjoni 5 Z li tinsab fin-nofsinhar tal-linja ġeografika li tgħaqqad il-punti fejn il-linja ġeografika li tgħaqqad il-punti li juru l-fruntiera bejn l-Istati Uniti ta’ l-Amerika u l-Kanada minn 42°31′08″ latitudni tat-tramuntana 67°28′05″ lonġitudini tal-punent to 40°27′05″ latitudni tat-tramuntana 65°41′59″ lonġitudini tal-punent jiltaqa’ mal-parallel f’42°00′ latitudni tat-tramuntana sa fejn l-estensjoni tiegħu tiltaqa’ mal-meridjan f’65°40′ lonġitudini tal-punent;

sud-diviżjoni 5 Z w (sud-diviżjoni tal-majjistral):

dik il-parti tad-diviżjoni 5 Z li tinsab fil-punent tal-meridjan ta’ 70°00′ lonġitudini tal-punent.

**Sub-żona 6**

Dik il-parti miż-Żona tal-Konvenzjoni tan-NAFO li tmiss ma’ linja li tibda f’punt fuq ix-xatt ta’ *Rhode Island* f’71°40′ lonġitudini tal-punent, minn hemm lejn in-nofsinhar għal 39°00′ latitudini tat-tramuntana, minn hemm għal-lvant għal 42°00′ lonġitudini tal-punent, minn hemm għan-nofsinhar għal 35°00′ latitudini tat-tramuntana, minn hemm għall-punent għax-xatt ta’ l-Amerika ta’ Fuq, minn hemm għat-tramuntana matul ix-xatt ta’ l-Amerika ta’ Fuq sa punt fuq *Rhode Island* f’71°40′ lonġitudini tal-punent.

Is-sub-żona 6 hija magħmula minn tminn diviżjonijiet:

*id-diviżjoni 6 A:*

dik il-parti tas-sub-żona li tinsab fit-tramuntana ta’ parallel ta’ 39°00′ latitudni tat-tramuntana u fuq il-punent tas-sub-żona 5;

*id-diviżjoni 6 B:*

dik il-parti tas-sub-żona li tinsab fil-punent ta’ 70°00′ latitudni tal-punent, għan-nofsinhar tal-parallel ta’ 39°00′ latitudni tat-tramuntana, u min-nofsinhar u mill-punent ta’ linja li tgħaddi lejn il-punent matul il-parallel of 37°00′ latitudni tat-tramuntana sa 76°00′ lonġitudini tal-punent; minn hemm għan-nofsinhar sa *Cape Henry, Virginia*;

*id-diviżjoni 6 Ċ:*

dik il-parti tas-sub-żona li tinsab fil-punent ta' 70°00′ lonġitudini tal-punent u n-nofsinhar tas-sud-diviżjoni 6 B; dik il-parti tas-sub-żona li tinsab fit-tramuntana tal-parallel ta' 39°00′ latitudini tat-tramuntana u lejn il-punent ta' sub-żona 5;

*id-diviżjoni 6 D:*

dik il-parti tas-sub-żona lejn il-lvant ta' diviżjonijiet 6B u 6Ċ u lejn il-punent ta' 65°00′ londġitudini tal-punent;

*id-diviżjoni 6 E:*

dik il-parti tas-sub-żona li tinsab lejn il-lvant ta' diviżjoni 6 D u lejn il-punent ta' 60°00′ lonġitudni tal-punent; dik il-parti tas-sub-żona li tinsab fit-tramuntana tal-parallel ta' 39°00′ latitudini tat-tramuntana u lejn il-punent tas-sub-żona 5;

*id-diviżjoni 6 F:*

dik il-parti tas-sub-żona li tinsab fil-lvant ta' diviżjoni 6 E u lejn il-punent ta' 55°00′ lonġitudni tal-punent;

*id-diviżjoni 6 G:*

dik il-parti tas-sub-żona li tinsab fil-lvant ta' diviżjoni 6 F u għall-punent ta' 50°00′ lonġitudni tal-punent;

*id-diviżjoni 6 H:*

dik il-parti tas-sub-żona li tinsab fil-lvant ta' diviżjoni 6 G u għall-punent ta' 42°00′ lonġitudni tal-punent.

*L-ANNESS IV*

**DEFINIZZJONIJIET U KODIFIKAR LI GĦANDHOM JINTUŻAW FL-GĦOTI TA' L-INFORMAZZJONI TAL-QBID**

(a) LISTA TA' IRKAPTU TAS-SAJD/KATEGORIJI TA' BASTIMENT TAS-SAJD

(mill-Klassifikazzjoni ta' l-Istatistika Standard Internazzjonali ta' Irkaptu tas-Sajd [ISSCFG])

| Kategoriji | Taqsira |
|---|---|
| *Gangmi* | |
| Gangmi tal-Qiegħ | |
| — gangmi tat-tmun | TBB |
| — gangmi tal-lontra (ġenb jew poppa mhux speċifikati) | OTB |
| — gangmi tal-lontra (ġenb) | OTB1 |
| — gangmi tal-lontra (poppa) | OTB2 |
| — gangmi ta' bit-tnejn (żewġ bastimenti) | PTB |
| — gangmi tal-gambli | TBS |
| — gangmi tal-krustaċeji | TBN |
| — gangmi tal-qiegħ (mhux speċifikati) | TB |
| Gangmi tal-Baxx | |
| — gangmi tal-lontra (ġenb jew poppa mhux speċifikati) | OTM |
| — gangmi tal-lontra (ġenb) | OTM1 |
| — gangmi tal-lontra (poppa) | OTM2 |
| — gangmi ta' bit-tnejn (żewġ bastimanti) | PTM |
| — gangmi tal-gambli | TMS |
| — gangmi tal-baxx (mhux speċifikati) | TM |
| Gangmi tal-lontra doppji | OTT |
| Gangmi ta' bit-tnejn (żewġ bastimenti) [mhux speċifikati] | PT |
| Gangmi tal-lontra (mhux speċifikati) | OT |
| Gangmi oħrajn (mhux speċifikati) | TX |
| | |
| *Tartaruni* | |
| Tartaruni tal-bajja | SB |
| Tartaruni tad-dgħajjes jew bastimenti | SV |
| — Tartaruni Daniżi | SDN |
| — Tartaruni Skoċċiżi | SSC |
| — Tartaruni ta' bi tnejn (żewġ bastimenti) | SPR |
| Tartaruni (mhux speċifikati) | |
| | |
| *Xbieki tal-madwar* | |
| Bix-xlief | PS |
| — imħaddma minn bastiment wieħed | |
| — imhaddma minn żewġ bastimenti | PS2 |
| Bil-lampara | LA |
| | |
| *Xbieki tal-garġi u tat-tweghir* | |
| Xbieki tal-garġi ankrati | GNS |
| Xbieki tal-garġi tat-tkarkir | GND |
| Xbieki tal-garġi magħluqin | GNC |
| Xbieki tal-garġi fissi | GNF |
| Parit | GTR |
| Xbieki tal-garġi u parit magħqudin | GTN |
| Xbieki tal-garġi u tat-tweghir (mhux speċifikati) | GEN |
| Xbieki tal-garġi (mhux speċifikati) | GN |

| Kategoriji | Taqsira |
|---|---|
| *Snanar u xlief* | |
| Xlief tat-tul ankrati | LLS |
| Xlief tat-tul tat-tkarkir | LLSD |
| Xlief tat-tul (mhux speċifikati) | LL |
| Xlief tal-id u tal-qasba (mħaddma bl-id) | LHP |
| Xlief tal-id u tal-qasba (mekkanizzati) | LTM |
| Xlief tal-qasba | LTL |
| Snanar u Xlief (mhux speċifikati) | LX |
| *Nases* | |
| Xbieki tal-libbra weqfin u mikxufin | FPN |
| Važett mgħotti | FPO |
| Terrieħa | FYK |
| Żgirma | FWR |
| Xbieki tal-istiva | FSN |
| Xbieki tal-għoli | FAR |
| Nases (mhux speċifikati) | FIX |
| *Apparat tal-qiegħ* | |
| Xbieki mitfugħa | FCN |
| Apparat tal-Qiegħ (mhux speċifikati) | FG |
| *Talla* | |
| Talla bil-gangmu | DRB |
| Talla tal-id | DRH |
| *Taqbid u Feriment* | |
| Harpun | HAR |
| *Xketti* | |
| Xketti li jinġarru | LNP |
| Xketti mħaddma mid-dgħajjes | LNB |
| Xketti weqfin imħaddma mill-art | LNS |
| Xketti (mhux speċifikati) | LN |
| *Magni tal-ħsad* | |
| Pompi | HMP |
| Talla mekanizzata | HMD |
| Magni tal-ħsad (mhux speċifikat) | HMX |
| *Apparat ieħor* | MIS |
| *Apparat mhux magħruf* | HK |

(b) DEFINIZZJONIJIET GĦAL MIŻURI DWAR ĦIDMIET TAS-SAJD GĦALL-KATEGORIJI GĦAT-TGĦAMIR

Fejn ikun possibbli għandhom jitniżżlu tliet livelli ta' preċiżjoni ta' ħidma tas-sajd.

**Il-Kategorija A**

| Tagħmir tas-sajd | Kejl tal-ħidma | Definizzjoni |
|---|---|---|
| Xbieki tal-Madwar (bix-Xlief) | Numru ta' Tqegħid | Numru ta' drabi li l-apparat ġie imqiegħed jew mitfugħ, sew jekk is-sajda tkun saret kif ukoll jekk le. Din il-miżura hija importanti meta d-daqs tas-sajda u l-ippakjar huwa relatat ma' l-abbundanza tal-qabda jew it-tqegħid huwa magħmul b'mod irregolari. |

| Tagħmir tas-sajd | Kejl tal-ħidma | Definizzjoni |
|---|---|---|
| Tartaruni tal-bajja | Numru ta' tqegħid | Numru ta' drabi lill-apparat ġie imqiegħed jew mitfugħ, minkejja li s-sajda setgħet saret jew le. |
| Tartaruni tad-dgħajjes | Numru ta' siegħat jistadu | Numru ta' siegħat lit-tartarun għamel fil-baħar waqt is-sajda. |
| Gangmi | Numru ta' siegħat | Numru ta' siegħat lill-gangmu għamel fil-baħar (baħar baxx), jew fil-qiegħ (gangmu tal-qiegħ), waqt is-sajda. |
| Talla bil-gangmu | Numru ta' siegħat jistadu | Numru ta' siegħat lit-talla kienet fil-qiegħ waqt is-sajda. |
| Xbieki tal-garġi (ankrati jew tat-tkarkir) | Numru ta' unità użati fl-isforz | Tul tax-xbieki f'kejl ta' 100 metru l-waħda multiplikat bin-numru ta' tqegħid magħmul (= tul totali akkumulat f'metri ta' xbieki użzat fi żmien stabbilit diviż b'100). |
| Xbieki tal-garġi (fissi) | Numru ta' unità użati fl-isforz | Tul tax-xbieki f'kejl ta' 100 metru l-waħda multiplikat bin-numru ta' drabi li x-xbieki ġew imnaddfa. |
| Nases (xbieki tal-libbra mikxufa) | Numru ta' unità użati fl-isforz | Numru ta' ġranet ta' sajd multiplikat bin-numru ta' unità użat. |
| Važetti mgħottija u terrieħa | Numru ta' unità użati fl-isforz | Numru ta' drabi li x-xbieki ġew merfugħin multiplikat bin-numru ta' unità (numru tal-qabda fi żmien stabbilit). |
| Xlief tat-tul (ankrati jew tat-tkarkir) | Eluf ta' snanar | Numru ta' snanar tas-sajda multiplikat bi żmien stabbilit diviż b'mija. |
| Xlief tal-id (bil-qasba eċċ.) | Numru ta' ġranet bix-xlief | Numru ta' xlief użati fi żmien stabbilit. |
| Ħarpun | | (Irraporta livelli ta' ħidma B u Ċ biss), |

**Il-Kategorija B**

*Numru ta' jiem mistada*: in-numru ta' jiem li fihom ikun sar is-sajd. Għal dawk is-sajdiet li fihom it-tiftix huwa parti sostanzjali mill-ħidma tas-sajd, il-jiem li fihom ikun sar tiftix imma mhux sajd għandhom jidħlu mad-*data* ta' "jiem mistada".

**Il-Kategorija Ċ**

*Għal numru ta' jiem fuq l-art* b'żjieda ma' jiem għas-sajd u għat-tfittxija għandhom jidħlu wkoll il-jiem l-oħra kollha waqt li l-bastiment ikun fuq l-art.

**Perċentwal ta' l-isforz stmat (sforz fuq l-iskala)**

Billi miżuri ta' sforz relatat jistgħu ma jkunux disponibbli għall-qabda kollha, il-perċentwal ta' l-isforz li jkun ġie stmat għandu jiġi indikat. Dan jiġi kkalkulat minn:

$$\frac{[(\text{Qabda totali}) - (\text{Qabda għal liema ħidma tkun giet irekkordjata})] \times 100}{(\text{Qabda totali})}$$

(ċ) KATEGORIJI TA' DAQS TAL-BASTIMENTI (mill-Klassifikazzjoni ta' l-Istatistika Standard Internazzjonali tal-Bastimenti tas-Sajd [ISSCFV])

**Kategoriji ta' tunnellaġġ**

| Kategorija ta' tunnellaġġ gross | | Kodiċi |
|---|---|---|
| 0– | 49,9 | 02 |
| 50– | 149,9 | 03 |
| 150– | 499,9 | 04 |
| 500– | 999,9 | 05 |
| 1 000– | 1 999,9 | 06 |
| 2 000– | 99 999,9 | 07 |
| mhux magħruf | | 00 |

(d) SPEĊI EWLENIN IMFITTXIJA

Din hija l-ispeċi li għaliha kien dirett b'mod prinċipali s-sajd. Madankollu, tista' ma jikkorrispondix ma' l-ispeċi li kienet tifforma l-ikbar biċċa tal-qabda. L-ispeċi għandha tkun indikata bl-użu ta' 3-*alpha identifier* (ara l-Anness I).

*L-ANNESS V*

**FORMAT GĦALL-GĦOTI TA' *DATA* FUQ MEZZI MANJETIĊI**

(a) MEZZ MANJETIKU

*Tapes tal-kompjuter*: *Tape* ta' disa *tracks* b'densità ta' 1 600 jew 6 250-BPI u EBCDIC ta' kodifika ta' ASCII, preferibbilment bit-tikkettjar. Jekk ikollu l-ittikkettjar, għandu jiġi inkluż it-tmiem tal-*file*.

*Floppy discs* Diski floppy: Formatjati għall-MS-DOS, diski 3,5″ 720 K jew 1,4 Mbyte jew diski 5,25" 360 K jew 1,2 Mbyte.

(b) FORMAT TAL-KODIFIKA

**Għas-sottomissjonijiet rikjesti mill-Artikolu 2.1(a)**

| Numru ta' Bytes | Oġġett | Rimarki |
|---|---|---|
| 1 sa 4 | Pajjiż (ISO 3-*alpha Code*) | eż. FRA = Franza |
| 5 sa 6 | Sena | eż. 90 = 1990 |
| 7 sa 8 | Arja tas-Sajd Ewlenija skond il-FAO | 21 = Majjistral tal-Atlantiku |
| 9 sa 15 | Diviżjoni | ez. 3 Pn = NAFO sub-diviżjoni 3 Pn |
| 16 sa 18 | Speċi | 3-*alpha identifier* |
| 19 sa 26 | Qabda | tunnellati |

**Għas-sottomissjonijiet rikjesti mill-Artikolu 2.1(b)**

| Numru ta' Bytes | Oġġett | Rimarki |
|---|---|---|
| 1 sa 4 | Pajjiż | ISO 3-*alpha Code* (eż. FRA = Franza) |
| 5 sa 6 | Sena | eż. 94 = 1994 |
| 7 sa 8 | Xahar | eż. 01 = Jannar |
| 9 sa 10 | Arja tas-Sajd Ewlenija skond il-FAO | 21 = Majjistral tal-Atlantiku |
| 11 sa 18 | Diviżjoni | ez. 3 Pn = NAFO sub-diviżjoni 3 Pn: *alpha* — numerika |
| 19 sa 21 | Speċi ewlenin imfittxija | 3-*alpha identifier* |
| 22 sa 26 | Bastiment/apparat kategorija | Kodiċi ISSCFG (eż. OTB2 = gangmu tal-lontra tal-qiegħ): *alpha* — numerika |
| 27 sa 28 | Klassi tad-daqs tal-bastiment | Kodiċi ISSCFV (eż. 04 = 150-499.9 GT): *alpha* — numerika |
| 29 sa 34 | Medja tat-tunnellaġġ sħiħ | Tunnellati: numeriku |
| 35 sa 43 | Medja tas-saħħa tal-magna | Kilowatts: numeriku |
| 44 sa 45 | Persentaġġ tal-isforz stmat | Numeriku |
| 46 sa 48 | Unità | 3-*alpha identifier* għall-ispeċi jew *identifier* tal-isforz (eż. COD = Bakkaljaw A — = Kejl tal-isforz A) |
| 49 sa 56 | Data | Qabda (f'tunnellati) jew unità ta sforz |

*Notamenti:*

(a) Il-kaxxi kollha numeriċi għandhom ikunu taħt xulxin min-naħa tal-lemin bl-ewwel kaxxa titħalla vojta. L-oqsma alfanumeriċi kollha għandhom ikunu taħt xulxin fuq in-naħa tax-xellug l-kaxex ta' wara għandhom jitħallew vojta.

(b) Is-sajda għandha tiġi reġistrata fl-ekwivalenti tal-piż ħaj tal-qabdiet mtella 'l-art lejn l-eqreb tunnellata metrika

(ċ) Kwantitajiet (*bytes* 49 sa 56) ta' anqas minn nofs unità għandhom jiġu reġistrati bħala "- 1".

(d) Kwantitajiet mhux magħrufa (*bytes* 49 sa 56) għandhom jiġu reġistrati bħala "- 2".

(e) Kodiċijiet tal-pajjiżi (kodiċi ISO):

| | |
|---|---|
| Il-Belġju | BEL |
| Id-Danimarka | DNK |
| Franza | FRA |
| Il-Ġermanja | DEU |
| Il-Greċja | GRC |
| L-Irlanda | IRL |
| L-Italja | ITA |
| Il-Lussemburgu | LUX |
| L-Olanda | NLD |
| Il-Portugall | PRT |
| Spanja | ESP |
| Ir-Renju Unit | GBR |
| L-Ingilterra u *Wales* | GBRA |
| L-Iskozja | GBRB |
| L-Irlanda ta' Fuq | GBRC |